MINUTI

Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb

Laqgha Nru. 52

Data: 23 ta' Mejju 2023

Hin: 08.40am

Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-

David Apap Agius	*Sindku*
Louis Apap	*Vici Sindku*
Tonio Mifsud	*Kunsillier*
Joseph Mizzi	*Kunsillier*
Miriam Borg	*Kunsillier*
Emily Amatulli-Depasquale	*Segretarju Ezekuttiv*

AGENDA

52.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

52.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

51.5 Korrispondenza u Rapporti;

52.6 Festa 2023;

52.7 Inawgurazzjoni ta' l-Arblu;

52.8 Inawgurazzjoni Progetti;

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

52.9 Attivitajiet;

52.10 Progetti u xogholijiet;

52.11 Skeda ta' Pagamenti;

52.12 Materji ohra;

52.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

52.1 Qari tal-ittri ta' apologiji

52.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

52.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

52.3.1 Is-Sindku qal li fir-rigward tal-kaz ta' l-antenna ta' Triq il-Kan F. Mangion, tqajjem appel mill-kumpanija ikkoncernata quddiem it-Trading Board. Gie spjegat li instema l-kaz fejn gew moghtija l-verzjoni tal-Kunsill u dak tal-kumpanija u s-sentenza hija mistennija li tinqata' jumejn ohra. Is-Sindku qal li l-preokkupazjoni tal-Kunsill hija minhabba r-raggi u l-kumpanija baqghet tinsisti li dawn huma skond ir-regolamenti. Huwa zied jghid li l-appell ma kienx jekk l-antenna tridx tehel imma dwar il-permess. Huwa spjega li d-decizjoni li ser tittiehed mill-bord hija jekk il-permess hux ser jinhareg. Is-Sindku qal ukoll li ser MCA ghandha tintalab tiehu survey mill-gdid b'apparat kalibrat. Bhala kumpaniji privati Malta m'hawn min jista' jaghmel dan is-survey u tista' tinsab kumpanija minn barra. Lura ghad-decizjoni li ser tittiehed, jekk il-Kunsill ser jigi obligat li johrog il-permess dan irid jinhareg. Is-Sindku qal ukoll li r-rapprezentanti tal-kumpanija qalu li l-appart mhux qed jintuza 5G imma huwa upgrade ta' l-appart sabiex ikun kompatibbli mas-sistemi l-ohra. Is-Sindku issugerixxa li l-Inginier ghandu jmur fuq il-post biex jivverifika li dak li qed jghidu huma minnu imbghad jigi deciz il-pass li jmiss. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

52.3.2 Is-Sindku qal li fir-rigward tat-talba ghal *road humps* fi Triq Frenc ta' l-Gharb wara li sar survey mar-residenti kkoncernati jirrizulta' li dik ta' fejn ir-remissa ta' Frenc ta' l-Gharb m'hemmx qbil fil-waqt li l-ohra kien hemm parti kbira li qablu. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jibghat lit-Transport Malta sabiex japprova min-naha tieghu.

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

52.3.3 Is-Sindku semma li hemm bzonn ta' immanigjar tat-traffiku fiz-zona tad-dawra tal-purcizzjoni b'mod partikolari ghall-velocita' issa ukoll li ser tkun konkluda Triq Molina. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandha ssir talba l-immanigjar tat-traffiku f'din iz-zona jinkludi li l-velocita' tkun l-iktar minima possibli. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhm jigu aplikati regoli u tabeli bl-inqas velocita possibli.

52.3.4 Miriam Borg staqsiet dwar il-manutenzjoni taz-zebgha tal-Pjazza kif ukoll dwar l-problema li hemm xi seqwwieqa li mhumiex qed jossevaw ir-roundabout u qed tinholoq problema. Il-Kunsill qabel li wara il-festa ghandhom ikunu installati sinjali li jindikaw id-direzzjoni tat-traffiku.

52.3.5 Saret referenza ghall-attivita' tal-Infiorata li saret gewwa r-Rabat Ghawdex fejn kulhadd kien sodisfatt u jidher li kollox kien ta' success.

52.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

52.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

51.5 Korrispondenza u Rapporti

51.5.1 Giet trattata korrispondenza minghand is-Segretarjat Parlamentari dwar twahhil ta' sigar fl-okkazjoni tat-30 sena anniversarju tal-Kunsilli Lokali. Giet diskussa din il-materja u l-post fejn tista' titpogga din is-sigra. Joseph Mizzi ppropona fejn il-bandli fi Triq Tumas Cassar kif ukoll fi Triq l-Gharb filwaqt li Miriam Borg fejn il-Pinnur. Il-Vici Sindku Louis Apap ippropona li din ghada tehel fl-entratura tar-Rahal possibilment faccata ta fejn ser issir l-arblu. Il-Kunsill qabel bhala post ghandu jkun fejn issugerixxa il-Vici Sindku.

51.5.2 Tonio Mifsud issugerixxxa sabiex isiru bankijiet fejn isir il-loghob tal-Brilli. Tqajjmet diskussjoni fejn gie innotat fost l-ohra li fiz-zona diga hemm problema ta' parkegg u jekk jitpoggew xi bankijiet tkompli tizdied il-problema. Bhala grupp diga qed jinghata spazju biex jilghab b'zona risperavata ghalihom minghajr vetturi. Il-Vici Sindku ssugerixxa li jinxtraw *folding chairs*. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment li jinxtraw il-*folding chairs* u jinzammu minnhom stess.

51.5.3 Miriam Borg staqsiet jekk kienux waslu d-dog bins. Gie ikkonfermat mis-Sindku li dawn ghandhom jaslu f'Gunju.

51.5.4 Tonio Mifsud qal li importanti li l-haxix li jinqata' ghandu jingabar. Is-Sindku qal li normalment il-haddiema dejjem jigbru l-haxix, ma jingabarx biss dak li jkun fl-imwarrab peress li dan jispicca. Apparti minnhekk huwa gibed l-attenzjoni li bhalissa ma nistghux naqtghu haxix minhabba n-nahal.

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

51.5.5 Gew trattati l-offerti ghat-tindif tal-festa fejn dahlet biss kwotazzjoni wahda li kienet tammonta ghal €5650.00. Il-Kunsill qabel li ghandha tinghata lil dan l-offerent.

51.5.6 Gew trattati zewg talbiet ghal disabled parking fi Triq l-Gharb u iehor fi Triq l-Arcipriet G. Camilleri. Tonio Mifsud qal li huwa jaqbel peress li dawn ikunu fil-bzonn. Is-Sindku qal li il-kunsill dejjem jaqbel ma proposti bhal dawn safejn ikun gustifikat. Mil-banda l-ohra s-Sindku qal li tant qed ikun hawn talbiet u qed isiru *disabled parking* li n-nies l-ohra qed ibghatu minhabba nuqqas ta' parkegg. Huwa zied jghid li min veru huwa bghatut u qed ibghati huwa gustifikat li jinghata dan il-parkegg pero' wiehed ghandu jaghti kaz u dawn it-tip ta' parkeggi ma jinghatawx fuq parir taghna stess ghal xi motiv vantagjuz personali. Il-Kunsill qabel li jinghataw iz-zewg *disabled parkings* li gew trattati f'din il-korrispondenza.

51.5.8 Giet trattata korrispondenza minghand resident fi Triq Trux il-parti t'isfel dwar talba ghal *double yellow line* minhabba li ghandu garaxx u qed ikollu problemi biex jidhol u johrog minnu kif ukoll *bollards* ghal sqaq fi Triq Trux minhabba li qed jidhlu vetturi b'konsegwenza li jimbaraxx il-hajt tad-dar. Giet diskussa din il-materja fejn gie innotat li bhala *bollards* Transport Malta mhux normali li tapprovahom peress li l-Kunsill diga kellu kazi simili. Il-Kunsill ra l-possibilita' li jsiru tabelli bil-qies tal-wisa ta' l-isqaq u vetturi akbar minn dik il-wisa' ma jidhlux. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lil Transport Malta ghall-approvazzjoni tad-*double yellow line* u tal-*bollards* u jimxi mad-decizjoni li tasal.

52.6 Festa 2023

52.6.1 Fir-rigward tal-festa, din kif diġà ġiet diskussa fil-laqgha preċedenti kollox miexi sewwa. Gie innotat li l-unika problema li hemm dwar il-kuncert tal-Hamis peress li ser tahbat ukoll il-festa ta' l-Imnarja. Joseph Mizzi staqsa jekk hux ser tinghta ghajnuna lil ghaqdiet. Is-Sindku qal li kif kien deciz f' laqgha precidenti ser jinghtaw l-aghnuna mehtiega sabiex il-festa tkun success. Is-sindku qal li din is-sena l-Gharb Rangers FC ghandhom xi diffikultajiet finanzjarji u ghal daqs tant talab li anke dan il-grupp jinghta ghajnuna.

52.7 Inawgurazzjoni ta' l-Arblu

52.7.1 Is-Sindku spjega li l-arblu gie mehud sabiex isir il-*welding* fuqu minn kumpanija professjonali li huwa intiżi fuq dan ix-xoghol kif indikat mill-Ing responsabbli. Dan ix-xoghol jiġi approvat u ċertifikat. Kif gie diskuss l-inawgurazzjoni ser issir il-Hadd 18 ta' Gunju b'program ta' l-avveniment. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie maqbul li l-attivita' ghandha tibda' wara l-Quddiesa ta' l-10am fejn tfal u residenti jimxu bil-bandiera akkompanjati mill-Banda sa l-arblu fejn hemmhekk titella' l-bandiera fuq l-arblu u jkun hemm bibita' zghira ta' l-okkazjoni.

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

52.8 Inawgurazzjoni Progetti

52.8.1 Is-Sindku qal li fil-31 ta' Mejju ser issir l-inawgurazzjoni ta' l-Astronomy Park. Gie spjegat li l-hin kien ser ikun mit-8pm sad-9pm pero' dan ser ikollu jinbidel ghal bejn l-10pm u 11pm minhabba d-dawl. Gie spjegat li ghal din is-serata ser ikun mistieden il-Ministru ghal Ghawdex flimkien mall-kumitat tal-LAG. Tonio Mifsud issugerixxa li tigi mistiedna l-assocjazzjoni ta' l-astronomija. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur li ghamel ix-xoghol ta' installazjoni ta' l-apparat astronomiku ser ikun qed jidhol online b'mod remot mill-Italja u jhaddmu minn hemm. In-nies prezenti ser ikunu qed jaraw kollox fuq l-iscreen. Joseph Mizzi staqsa jekk in-nies ikunux jistghu juzaw minn xi app filwaqt li Miriam issugerriet li jkun hemm attivitajiet marbuta mieghu bhal fil-f'Awwissu meta jkun hemm id-dmugh ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jigu diskussi fid-dettal.

52.9 Attivitajiet

52.9.1 Is-Sindku qal li il-weekend break kellu jithassar minhabba li l-postijiet ta' akkomodazzjoni huma fully booked f'dan il-perijodu. Il-Kunsill qabel li ghandu issir tentativi iehor ghal aktar tard din is-sena.

52.10 Progetti u xogholijiet

52.10.1 Bhala progett magguri bhalissa qed jitkompla x-xoghol fuq Triq l-Isqof M. Molina fejn wasalna ghall-fazi tat-tqaxxir. Gie spjegat ix-xoghol li qed isir u li huwa previst li sall-festa ta' din is-sena x-xoghol ikun lest. Hekk kif ikun lest dan ix-xoghol ghandu jibda innu fih ix-xoghol fuq Triq Tumas Cassar.

52.11 Skeda ta' Pagamenti

52.11.1 L-Iskeda tal-pagementi giet approvata unanimament mill-Kunsill.

52.12 Materji ohra

52.12.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Agenzija Sapport accettata li toffri servizzi mill-Kunsill. Flimkien maghhom ser ikun hemm ukoll l-Ghaqda tal-Presepju t'Ghawdex li ser ikunu qeghdin juzaw il-Meeting Hub bhala l-bazi taghhom.

52.12.2 Joseph Mizzi staqsa jekk ghall-Father's Day hux ser jinghataw xi tokens. Gie diskussa din il-materja u gie maqbul li ghandha tinghata token.

52.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

52.13.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 20 ta' Gunju 2023 fid-9.00am.

50.13.2 Il-laqgha spiccat fl-9.40am

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati minn
IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv